MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Numru. 5/2001
Kawza Numru. 15

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Francis Pace ta' 38 sena, karta tal-identita' numru 24662(G) u Josephine sive Josette Stellini bint Carmel Vella, karta tal-identita' numru 1571(G);

Talli f'dawn il-Gzejjer, fil-20 t'April, 2000 u fit-tlett xhur qabel din id-data:

a) Kellhom fil-pussess taghhom munizzjon ta' diversi kalibri minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 66, tal-ligijiet ta' Malta;
b) Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, fl-istess post hin u cirkostanzi u f'xi data qabel instab li xjentement kellhom fil-pussess taghhom u/jew that il-kontroll taghhom 19-il Blank (kalibru ta' 8 mm), 3 Parabellum (kalibru ta' 9mm), 6 Rabbit (Kalibru ta' 0.22pulzier) u 200 Thunderbolt (kalibru ta' 0.22 pulzir) round, li l-importazzjoni taghhom hija

projbita u/jew ristretta, u li ghandhom valur totali ta' Lm23.15.0, dazju ta' Lm1.375 liema dazju ma giex mhallas u/jew kawtelati bi ksur tal-Artikolu 60 (a) (b) (c) (k), l-artikolu 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (l) (k), Paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-Artikolu 62 ta' L-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, fl-istess post, hin u cirkostanzi u f'xi data qabel instab li xjentementn kellhom fil-pussess taghhom u/jew that il-kontroll taghhom 3 Flare Launchers, li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta u li ghandhom valur totali ta' Lm3.00 dazju ta' Lm0.24.3, liema dazju ma giex mhallas u/jew kawtelati bi ksur tal-Artikolu 60 (a) (b) (c) (k), l-artikolu 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (l) (k), Paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-Artikolu 62 ta' L-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Ukoll fuq talba tal-Kummissarju tal-VAT, fl-istess post, hin u cirkostanzi u f'xi data qabel instab li xjentement kellhom filpussess taghhom u/jew that il-kontroll taghhom munizzjon ta' diversi Kalibri, u tlett (3) flare launchers li l-importazzjoni taghhom hija projbita u jew/ristretta, u li ghandhom valur u dazju totali ta' Lm28.26.8 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' Lm4.24.0 liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur tal-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998);

e) U lil Francis Pace biss, talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni  tal-avukat generali skond l-art 22(2) tal-Kap 1010 sabiex l-imputat Francis Pace jitressaq quddiem din il-Qorti  biex iwiegeb ghall-ksur tal-istess provvedimenti tal-istess Kap;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi waqt tfittxija mill-Pulizija tad-Drug Squad fir-residenza tal-imputata kien skopert il-munizzjon deskritt fl-akkuza. Dan il-munizzjoni kien qieghed f'kaxxa fit-tieni sular u kien mghoddi lill-pulizija mill-imputata stess. Francis Pace kien jikkoabita mal-imputata fl-istess residenza. Wara tfittxija fid-dar ta' l-imputat Francis Pace irrizultaw hwejjeg relatati mal-uzu tad-droga u tracci suspettati tal-cannabis u wara ezami mill-espert mahtur minn din il-Qorti jirrizulta illi fuq il-pipa ornamentali u bicca sigarett tal-brim kien hemm tracci tas-sustanza tetrahydrocannabinol.

Illi l-imputata ghazlet illi tixhed u ddikjarat illi l-munizzjoni ma kienx taghha izda ta' zewgha u li kienet sabitu xi ftit granet qabel meta kienet qed tnaddaf u riedet ittihom lir-ragel taghha meta jigi jara t-tfal izda dejjem kien jigi ma' xi hadd u ma setghetx ittih dna il-munizzjoni quddiem in-nies.

Illi fil-fehma tal-Qorti r-raguni li forniet l-imputata hija wahda kredibbli meta mqabbla mad-dettall moghti minnha fl-istqarrija a fol 10 u 11 tal-process fejn qalet li kienet ukoll sabet revolver u hadida vojta. Kienet l-imputata stess li tat il-kaxxa kontenenti l-munizzjoni lill-Pulizija qabel biss bdew it-tfittxija taghhom.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputati hatja tal-akkuzi (a) sa (d) u tilliberhom minnhom.
Dwar l-akkuza (e) issib lill-imputat Francis Pace hati;

Wara li rat l-artikol 8 (a) u Taqsima VI tal-Kap 101;

Wara li rat l-fedina penali nadifa tieghu u stante li jikkwalifika bhala first offender, il-Qorti qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien sena mill-lum skond l-artikolu 22 tal-kap 446.

Il-Qorti tordna l-konfiska u distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti u spejgat l-obbligi tal-imputat Francis Pace naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------